# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Settembru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 994/95 JF**

**Svetlana MAGRI**
**vs**
**Redeemer AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-kontendenti kienu johorgu flimkien pero' ricentement ir-relazzjoni taghhom giet terminata.

Premess illi l-attrici kellha hafna affarijiet partenenti lilha konsistenti principalment f'dawk l-effetti elenkati fl-anness prospett bhala dokument A, li jinsabu ghand il-konvenut li

ingustament qed jirrifjuta li jirritornahomla lura u dan nonostante li gie hekk interpellat li jaghmel.

TALBET li il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1) Tiddikjara li l-attrici hija l-proprjetarja tal-effetti minnha elenkati f'dokument A.

2) Tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attrici l-effetti fuq imsemmija.

Bl-ispejjez.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa:

1) illi kull oggett li l-eccipjenti ghandu fil-pussess tieghu huma proprjeta' esklussiva tieghu hlief ghas-segwenti:-

i. Bedspread tas-satin
ii. Sett borom
iii. Ironing board
iv. Hadida tal-moghdija
v. Xugamani
vi. Laundry basket
vii. Skieken, mgharef u kuccarini
viii. Dinner Set
ix. "Horse" tal-inxir

u dawn diga' offrihom lilll-attrici qabel il-prezentata ta' din il-kawza, izda l-attrici naqset li taccetta.

2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, il-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-provi kollha prodotta u ezaminat l-istess u dan ukoll fid-dawl taz-zewg noti ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi mid-difensuri legali rispettivi tal-kontendenti;

Ikkunsidrat li mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-kontendenti ghamlu ftit anqas minn sentejn gharajjes u in segwitu l-attrici hassret din l-gherusija minghajr ma ntqalet raguni. Irrizulta li tul il-kors ta' din l-gherusija l-kontendenti kienu akkwistaw, billi xtraw, diversi oggetti tad-dar li ghal raguni ta' nuqqas ta' spazju fid-dar tal-attrici, almenu skond il-verzjoni moghtija mill-attrici stess, l-oggetti mixtrija nzammu ghand il-konvenut.

Il-kwistjoni li nqalghet kienet dovuta ghall-fatt li filwaqt li l-attrici sostniet li l-oggetti <u>kollha</u> elenkati fil-prospett Dok A huma proprjeta' taghha, il-konvenut invece jsostni li dan mhux minnu imma parti biss minn dawk l-oggetti hekk elenkati kienu jappartjenu lill-attrici, u l-bqija kienu tieghu billi xtrahom u hallas ghalihom minn flusu.

Ix-xhieda prodotta, apparti dik tal-kontendenti nfushom, kienet principalment tikkonsisti fil-genituri taghhom it-tnejn - biz-zewg nahat jaghmlu l-almu kollu taghhom biex jiddimostraw li dak li qed jghidu wliedhom huwa l-verita'.

Dan qed jinghad ghaliex fil-fehma tal-Qorti, kemm naha u kemm ohra waqghu f'certu numru ta' inkonsistenzi li jaghmilha difficli ferm ghall-gudikant li jemmen verzjoni wahda u jiskarta l-ohra, jew vici-versa, multo magis meta x-xhieda nstemghet minn imhallef differenti billi dan illum jinsab irtirat. F'kull kaz pero' l-Qorti trid timxi skond il-passi u normi tal-ligi u l-konsiderazzjonijiet taghha huma ggwidati minn hekk. Fl-ewwel lok mela l-Qorti trid bilfors izzomm quddiem ghajnejha r-regola li "ei incumbit prokatio qui dicet nin ei qui negati". Ghalehkk ikun inutli li l-attrici, permezz tal-legali taghha, toqghod tappella ghall-"buon sens" (1) tal-Qorti u dan fis-sens li l-oggetti mixtrija normalment jinxtraw minn mara u mhux minn ragel il-ghaliex dak li invece ghandu jiggwida lill-Qorti huwa jekk ingabitx prova sufficjenti li dawn l-oggetti kienu tassew appartenenti lill-attrici fil-lokalita' taghhom. Fil-fehma konsidrata tal-Qorti din il-prova ma ngabitx. Giet esebita "specie" ta' rcevuta mill-attrici, minghajr ebda firma, minghajr l-anqas biss ma giet ikkonfermata minn min suppost irredogiha u fuq dan ippretendiet li kellha temmen il-verzjoni kollha. L-attrici mbaghad xehdet li kellha impieg regolari meta dan ma kienx preciz ghaliex ghamlet zmien wieqfa u zmien iehor tahdem "part-time".

Missierha xehed li kien jaghti lil bintu gieli anki lira kulljum meta dan l-anqas biss kien jahdem. Il-konvenut jghid li sar jaf bit-thassir unilaterali tal-gherusija min naha tal-attrici meta kien qed jilghab il-bocci u gie kkonfrontat minn missierha.

Omm il-konvenut tati verzjoni differenti. Il-genituri tat-tnejn xehdu li huma certi li l-oggetti kienu proprjeta' kif intqal minn uliedhom izda l-ebda wiehed jew wahda mill-erbgha li huma ma qatt kienu prezenti meta l-oggetti nxtraw.

Il-Qorti ta l-anqas stenniet lil xi parti, u maggorment lill-attrici biex tipprocedi lill-venditur tal-oggetti u cioe' dawk tal-hwienet li minn ghandhom inxtraw l-oggetti almenu dawn setghu forsi jixhtu xi ftit dawl fuq il-vertenzi u jillumina lil Qorti, pero' minn dan kollu ma sar xejn. Illi apparti li l-attrici ma gabitx il-prova fil-grad rikjest, tezisti l-presunzjoni, kif del resto issottometta l-konvenut fin-nota tieghu li, a tenur tal-art 525(1) tal-kodici civili taghha, il-presenzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi ghaliha nnifisha u b'titolu ta' proprjeta' meta ma jigix ppruvat li hija bdiet tipposjedi f'isem ta’ persuna ohra. Jirrizulta inoltre’ li ghall-interpellazzjoni da parti tal-attrici ghar-ritorn tal-oggetti, huwa mill-ewwel irrispodna a tenur ta' dak li in segwitu irrepeta fl-eccezzjonijiet tieghu. Anki hawn jidher li l-attrici flok ma esplorat il-possibilita' ta' xi forma ta' avvicinament fi sforz biex possibilment il-vertenza tigi komposta, hija agixxiet b'citazzjoni. Hi x'inhi din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici ma rnexxiliex tressaq provi sufficjenti in sostemm tat-talbiet taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontriha, b'dana pero' li l-oggetti elenkati fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jinghataw lill-attrici minghajr dewmien b'arrangament bejn il-kontendenti.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.